MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 381/2010

**Il- Pulizija**

**v.**

**Yousef Essesi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Yousef Essesi talli:

1. ikkommetta serq ta' 'laptop' li sar ghad-detriment ta' Hernando Chueca ta' nazzjonalita` Spanjola u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi s-somma ta' €232.94 izda anqas minn €2,329.37 u bil-persuna;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li l-valur jeccedi s-

somma ta' €232.94 izda anqas minn €2,329.37, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

3. irrenda ruhu recidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberatu bil-kondizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Awwissu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(d), 263, 267, 268 u 278(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu sena prigunerija;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-9 ta' Settembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, u tiddeciedi l-appell ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi terga' tibghat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti ghall-finijiet u ghall-effetti kollha tal-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi peress illi applikat il-procedura zbaljata meta giet biex tiddeciedi l-kaz in segwitu ghall-ammissjoni maghmula mill-appellat (allura imputat). Huwa jghid illi l-kawza in kwistjoni kellha tigi regolata bil-procedura li tirrigwarda l-Qorti tal-Magistrati

(Malta) bhala Qorti Istruttorja peress illi ma kienx hemm il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex din tinstema’ mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Kwindi l-procedura kellha tiehu l-forma (u effettivament kienet bdiet tiehu dik ix-xejra) ta’ kumpilazzjoni ai termini ta’ l-artikoli 389 sa 409A tal-Kodici Kriminali. L-appellant ikompli jissottometti illi allura wara li jinstemghu xhieda jew jigu pprezentati dokumenti evidenzjarji a bazi ta’ liema l-ewwel Qorti tkun sodisfatta illi hemm bizzejjed provi fuqhiex l-imputat jista’ jitqieghed taht att ta’ akkuza, jinghata digriet f’dan is-sens (id-digriet tal-*prima facie*) u l-inkartament jintbaghat ghand l-Avukat Generali li min-naha tieghu jkun jista’ jirrinvija l-atti skond l-artikoli msemmija. Fl-eventwalita` ta’ ammissjoni fil-jum ta’ l-ezami ta’ l-imputat minghajr gurament ai termini ta’ l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tista’ tapplika l-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali. L-appellant pero` jilmenta illi f’din il-kawza l-appellat iddikjara li mhuwiex hati meta ezaminat fil-15 ta’ Awissu 2010, izda mbaghad ammetta fis-seduta tal-31 ta’ Awissu 2010. Skond l-appellant f’dak l-istadju ma setghetx tigi applikata l-procedura ndikata fl-artikolu 392A, izda l-ewwel Qorti bhala Qorti Istruttorja kellha taghti d-digriet *prima facie* a bazi ta’ l-ammissjoni ta’ l-appellat u tibghat l-atti lill-Avukat Generali biex ikun f’posizzjoni johrog l-artikoli li, skond hu, l-appellat jista’ jinstab hati tahthom.

Issa, mill-atti jirrizulta li fil-15 ta’ Awissu 2010 l-appellat tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat b’serq aggravat u b’ricettazzjoni, kif ukoll li sar recidiv u li kiser il-kondizzjonijiet a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Waqt l-ezami tieghu (a fol. 11), mistoqsi jekk iridx u x’irid iwiegeb fuq l-akkuza, wiegeb li mhux hati. Jirrizulta wkoll illi wara li l-Qorti staqsiet lill-ufficjal prosekutur jekk l-Avukat Generali kienx ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, l-ufficjal prosekutur wiegeb “riservat”. Effettivament mill-atti ma jirrizultax illi qatt gie esebit il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex il-kawza tinstema’ bi procedura sommarja.

Il-kawza mbaghad giet appuntata ghall-31 ta’ Awissu 2010 sabiex tibda l-kumpilazzjoni, izda l-appellat dakinhar ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Fil-fatt a fol. 23 insibu dan il-verbal:

**“Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat.**

**“Deher l-Ufficjal Prosekutur.**

**“L-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.**

**“Il-Qorti tat zmien lill-akkuzat jahseb fuq l-ammissjoni tieghu.**

**“L-imputat jafferma tali ammissjoni.**

**“Il-prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li l-*laptop* gie ritornat.**

**“Inghatat sentenza.”**

L-ewwel zewg subartikoli ta’ l-artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdu:

**“(1) Jekk l-akkuzat, <u>bi twegiba ghall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b)</u>, jistqarr li hu hati tar-reat li bih ikun akkuzat u l-imsemmi reat ikun suggett ghal piena ta’ mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija, id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 453(1) ghandhom *mutatis mutandis* japplikaw bla hsara ghad-disposizzjonijiet li gejjin ta’ dan l-artikolu.**

**“(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull disposizzjoni ohra ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra, jekk l-akkuzat jibqa’ jtenni fit-twegiba tieghu li hu hati tar-reat li bih ikun akkuzat il-Qorti bhala qorti ta’ gudikatura kriminali ghandha tghaddi ’l quddiem biex taghti lill-akkuzat dik is-sentenza li ghandha tinghata skond il-ligi kontra akkuzat li jinsab hati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien ma’ kopja tas-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat**

**Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol.”** (sottolinear ta’ din il-Qorti)

Jigifieri huwa l-stess artikolu 392A li jippreciza f’liema stadju tal-proceduri huwa applikabbli dan l-artikolu. L-artikolu 392A gie introdott permezz ta’ l-Att III tas-sena 2002. Jipprovdi ghal procedura specjali li tista’ tintuza biss meta jsir l-ezami lill-akkuzat bla gurament skond l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-akkuzat iwiegeb li huwa hati u jippersisti f’dik it-twegiba anke wara li **“l-Qorti twissih b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba, u taghtih ftit taz-zmien biex jarga’ lura minnha”** (art. 453(1) tal-Kap. 9). Peress illi fil-kaz in ezami, meta sar l-ezami ta’ l-appellat huwa wiegeb li ma kienx hati, l-ewwel Qorti ma setghetx tipprevalixxi ruhha mill-imsemmi artikolu 392A meta l-appellat ammetta fis-seduta tal-31 ta’ Awissu 2010. Dak li kellha taghmel kien semmai li tipprocedi skond l-artikolu 401(2)[1] tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Konsegwentement l-appell ta’ l-Avukat Generali jimmerita akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u ghalhekk tirrevoka l-istess sentenza u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex dik il-Qorti tipprocedi bis-smigh tal-kawza skond il-ligi. Tqieghed lill-appellat fl-istess pozizzjoni li kien immedjatament wara li ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] **401(2)** Meta tinghalaq il-kompilazzjoni, il-qorti tiddecidi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta’ akkuza. Fl-ewwel kaz, il-qorti, tibghat l-imputat biex jitqieghed taht dak l-att ta’ akkuza quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni kaz, tordna l-liberazzjoni tieghu.